# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2002**

**Numru 11**

**Avviz numru 137/02mm**

**B&B Properties Limited**

**vs**

**Contract Line Limited gia Hotelway Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,400 (elfejn u erba' mitt lira Maltin) dovuti lis-socjeta' attrici bhala cens annwu u perpetwu fuq erba' plots maghrufa ossia formanti parti mill-art maghrufa bhala 'Tal-Hurrieq' gewwa Swieqi fil-limiti ta' San Giljan skond kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri tal-11 ta' Marzu, 1988, u liema cens huwa

dovut bil-quddiem ghall-iskadenzi tal-11 ta' Marzu, 1996, 1997, 1998, 1999, 2000, u 2001.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghax legali kkalkolat mid-data ta' kull skadenza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-13 ta' Mejju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg